



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-20 ta' Ġunju 2019

Jeħtieġ li l-fokus fuq il-prestazzjoni fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni tal-UE jissaħħaħ, jgħidu l-Awdituri

Skont dokument informattiv u analitiku ġdid maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, jeħtieġ li jsiru sforzi akbar biex l-effettività u l-effiċjenza jiġu inkorporati fil-politika ta' Koeżjoni tal-UE. L-Awdituri jgħidu li l-bidliet li saru fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni biex jintlaħaq dan l-għan mhux dejjem kienu segwiti minn azzjoni effettiva fil-prattika. Huma jidentifikaw għadd ta' oqsma fejn jista' jsir titjib, mill-ippjanar strateġiku u l-implimentazzjoni tal-politika sal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Huma jwissu wkoll li, filwaqt li ż-żieda fis-simplifikazzjoni għandha għadd ta' benefiċċji, hija tista' tnaqqas il-fokus fuq il-prestazzjoni fl-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027.

Madwar terz tal-baġit annwali tal-UE li jammonta għal EUR 140 biljun huwa ddedikat għall-politika ta' Koeżjoni. Skont il-Kummissjoni Ewropea, waħda mill-prijoritajiet tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 hija li jiġi żgurat li l-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni jkun orjentat lejn il-prestazzjoni. Dan huwa wkoll wieħed mill-oġettivi prinċipali li fuqhom huma bbażati l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni għall-2021-2027.

"Fil-qalba tal-analiżi tagħna hemm 14-il prinċipju gwida li huma bbażati fuq ix-xogħol tal-awditjar estensiv li wettaqna matul is-snin. Aħna nemmnu li dawn huma importanti biex jiġi żgurat li l-politika ta' Koeżjoni tal-UE tkun orjentata lejn il-prestazzjoni", qalet Iliana Ivanova, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-dokument informattiv u analitiku. "Filwaqt li saru żviluppi pożittivi fil-qafas leġiżlattiv, hemm għadd ta' oqsma, bħall-ippjanar strateġiku, l-implimentazzjoni tal-politika u l-iżgurar tas-sostenibbiltà, fejn jista' jsir titjib ulterjuri."

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv u analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Id-dokument informattiv u analitiku jeżamina l-evoluzzjoni tal-isforzi tal-UE biex l-infiq fil-qasam tal-Koeżjoni jkun orjentat aktar lejn il-prestazzjoni. B'mod ġenerali, l-awdituri jilqgħu l-progress li nkiseb fi snin reċenti. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ħadet passi biex tinkludi karatteristiċi ewlenin tat-tfassil, b'had-definizzjoni ta' prestazzjoni tajba u l-kundizzjonijiet meħtieġa biex din tinkiseb, il-mod kif il-prestazzjoni għandha titkejjel, u kif din trid tiġi rappurtata u evalwata. Madankollu, dawn mhux dejjem ġew ikkonkretizzati f'implimentazzjoni effettiva fil-prattika.

Barra minn hekk, f'termini tal-proposti tal-Kummissjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss (2021-2027), l-awdituri jfaħħru l-mod kif il-fondi tal-UE huma mmirati għal fejn dawn jista' jkollhom l-akbar impatt, kif ukoll l-isforzi li saru biex il-qafas għall-kejl tal-prestazzjoni jissaħħaħ. Iżda huma jiġbdu wkoll l-attenzjoni għan-nuqqas ta' strateġija għall-UE kollha biex tiegħu post l-istrateġija Ewropa 2020, u għar-riskju li r-reviżjonijiet tal-programmi ma jkunux ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet tal-prestazzjoni.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jenfasizzaw l-importanza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw il-qafas leġislativ fi żmien opportun. Dewmien kumulattiv fl-implimentazzjoni, flimkien ma' trikkib tal-perjodi ta' eliġibbiltà, x'aktarx jirriżulta biex l-Istati Membri ma jibqgħux jiffukaw fuq kunsiderazzjonijiet ta' prestazzjoni, iżda jibdew jiffukaw fuq il-ħtieġa li jonfqu l-fondi tal-UE malajr kemm jista' jkun sabiex ma jitilfuhomx.

Noti lill-Edituri

L-għan tal-politika ta' Koeżjoni tal-UE huwa li tnaqqas id-disparitajiet bejn ir-reġjuni tal-UE sabiex jinkiseb żvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali b'bilanċjat. Taħt din il-politika, jintnefqu madwar EUR 350 biljun, jiġifieri terz mill-baġit tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

Dokument Informattiv u Analitiku huwa dokument li jiddeskrivi u janalizza qasam ta' politika. Huwa ma jinkludix sejbiet tal-awditjar ġodda. F'konformità mar-responsabbiltà tagħha li tirrapporta dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba, il-QEA ikkontribwiet b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni lejn il-prestazzjoni. L-analiżi f'dan id-dokument hija bbażata fuq xogħol tal-awditjar estensiv li twettaq fil-qasam tal-Koeżjoni f'dawn l-aħħar 10 snin (69 rapport), issupplimentat minn eżaminar minn sorsi oħra.

Id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA intitolat "Prestazzjoni fil-qasam tal-Koeżjoni" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.